MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 444/2008/1

**Helen Sophia**

**v.**

**Brian Sophia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici fejn ppremettiet:

“1. Illi fit-22 ta’ Novembru 1997, l-esponenti izzewget lill-intimat Brian Sophia. (Dok. HS 1)

“2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel, fil-5 ta’ Mejju 1997, li jismu Zak u li ghandu 11–il sena. (Dok. HS 2)

“3. Illi l-intimat rrenda ruhu hati ta’ adulterju versu martu rikorrenti.

“4. Illi l-intimat irrenda wkoll ruhu hati ta’ eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid versu martu rikorrenti.

“5. Illi issa z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b’mod li l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli.

“6. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti nhar it-30 ta’ Settembru 2008. (Dok. HS 3)

“7. Illi matul iz-zwieg inqalghu diversi problemi u dan minhabba illi l-intimat jabbuza l-alkohol, wettaq adulterju, u anke minhabba l-attitudni irresponsabbli u anke vjolenti, tieghu lejn martu u ibnu minuri.

“8. Illi f’Novembru 2004 bdew il-proceduri ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Sophia fejn saret rikonciljazzjoni waqt il-medjazzjoni pero regghu infethu il-proceduri ta’ separazzjoni b’medjazzjoni fil-21 ta’ Mejju 2007.

“9. Illi l-esponenti irrikoriet ghand din il-Qorti f’Novembru 2007 sabiex l-istess Qorti tizgombra lill-intimat mid-dar matrimonjali u dan ghaliex ma kienx ta’ gid kemm ghall-minuri kif ukoll minhabba is-sahha tal-esponenti, minhabba li l-intimat igib ruhu b’mod vjolenti, jhedded, jinki, jghajjar, jghajjat, jkisser u anke jitkellem baxx in konfront tal-esponenti, fil-prezenza tal-minuri. (Dok. HS 4)

“10. Illi r-rikorrenti baghtiet anke fir-rigward ta’ sahha, bl-agir irrisponsabbli u vjolenti tal-intimat u giet certifikata li qed tbati minn ‘toxoplasmosis’, liema kundizzjoni halliet effetti permanenti fuq ir-rikorrenti (Dok. HS 5)

“11. Illi b’digriet tal-Qorti tal-Familja datat 25 ta’ Jannar 2008, Brian Sofia telaq mid-dar matrimonjali. (Dok. HS 4)

“12. Illi l-minuri Zach ilu jattendi u ghadu qed jattendi ghal ‘counselling sessions’ gewwa s-SEDQA minhabba l-effett psikologiku li dawn l-incidenti hallew fuqu.

“13. Illi l-intimat matul iz-zwieg tilef l-impjieg tieghu diversi drabi minhabba li jabbuza mill-alkohol u li ilu minn April 2007 ma jikkontribwixxi lejn ir-responsabbiltajiet tieghu finanzjarji tal-familja (Dok. HS 6)

“14. Illi wkoll l-intimat kemm qabel ma telaq mid-dar u anke wara ftit li xejn jew xejn ma ha interess f’ibnu Zach u halla r-responsabbilta intiera tat-trobbija kemm fizika, morali u finanzjarja f’idejn l-esponenti.

“15. Illi r-rikorrenti ghamlet diversi rapporti mal-pulizija fuq incidenti li saru mill-2004 sal-lum (Dok. HS 7 – Dok. HS 15), in fatti, l-intimat qieghed ukoll b’ordni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, taht ‘probation order’ ta 18-il xahar wara li nstab hati fil-25 ta’ Gunju 2008, li fit-23 ta’ Dicembru 2007, hebb ghall-esponenti u kkagunalha offiza ta’ natura hafifa. (Dok. HS 16)

“16. Illi l-intimat, din is-sena, ghamel perjodu ta’ zmien rikoverat fl-isptar Monte Karmeli.

“17. Illi l-intimat qieghed ukoll residenti f’Dar iz-Zernieq, Hal Luqa fuq programm ta’ riabilitazzjoni.

“18. Illi r-rikorrenti *pendenti lite*, giet moghtija il-kura u l-kustodja esklussiva ta’ binha Zach permezz ta’ digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-31 ta’ Ottubru 2008. (Dok. HS 17)

“19. Illi wkoll permezz ta’ dan l-istess digriet, din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-access ezercitat mill-intimat Brian Sophia ghal ibnu Zach ghandu jsir taht supervizzjoni tal-Agenzija Appogg fil-bini tal-Agenzija Appogg

“Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Sophia, ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

“2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

“3. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f’zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b’tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenti.

“4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“5. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Zach Sofia tigi affidata esklussivament lil omm il-minuri Helen Sophia.

“6. Tordna illi l-access ghal minuri Zach minn missieru Brian Sophia ghandu jibqa jsir taht supervizjoni minn Social Worker tal-Agenzija Appogg.

“7. Tordna li l-intimat Brian Sophia ihallas manteniment ghal ibnu Zach, f’forma ta’ ‘one time payment’, li jinkludi wkoll nofs l-ispejjez tal-iskola, sakemm il-minuri jaghlaq tminatax-il sena, li ghandha tigi maqtugha minn sehem l-intimat, wara li jigi determinat sehmu mill-kommunjoni tal-akkwisti.

“8. Tordna lil intimat, ihallas lir-rikorrenti nofs l-ammont ta’ spejjes li saru fir-rigward tal-minuri u fir-rigward tad-dar matrimonjali u spejjez ohra relatati mal-kommunjoni tal-akkwisti, minn l-ewwel ta’ April 2007 sad-data li din l-Onorabbli Qorti taghti sentenza fir-rigward din is-separazzjoni.

“9. Tordna li r-rikorrenti tirreverti ghal kunjhom xbubitha u cioe` Aquilina.

“10. Tawtorizza lir-rikorrenti tipprocudi lil persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali, hawn taht elenkati bhala xhieda sabiex jigu ezenti mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza odjerna u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

“Bl-ispejjez kontra l-intimat mil-lum ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi hu minnu li l-partijiet kienu izzewgu fit-22 ta’ Novembru 1997.

“2. Illi hu minnu ukoll li minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel li jismu Zach li twieled fil-5 ta’ Mejju 1997 u li illum ghandu cirka 11-il sena.

“3. Illi m’hu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenta li l-esponent hu hati tat-tortijiet hemm indikati fir-rikors promotorju. Illi pjuttost hu kontra li r-rikorrenta hi hatja ta’ dawn it-tortijiet liema haga se tigi ippruvata fil-mori tal-kaz. Illi minghajr pregudizzju dawn il-proceduri qed iservu ta’ paraventu ghat-tortijiet tal-istess intimata rikorrenta li qed tipprova titfa l-htija taghha fuq l-esponent liema haga se tigi pprovata fil-mori tal-kaz.

“4. Illi di piu, jekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment dan hu tort tal-istess rikorrenta, principalment imma mhux esklussivament, minhabba l-attitudni taghha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet ohra, jidhrilha li hadd ma jista’ ghaliha w tippretendendi wkoll li jekk l-affarijiet ghandhom jimxu dawn jistghu jsiru biss b’approvazzjoni taghha. Illi fin-nuqqas r-rikorrenta taghmillek hajtek infern liema kaz odjern qed iservi ta’ mera ta’ dan.

“5. Illi di piu, l-attitudini skifuza w intollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet tar-rikorrent fil-kaz odjern fejn qed tipprova timmanuvra b’tali mod biex minghajr ma tikxef xejn konkret, qed tipprova timponi kundizzjonijiet li huma il-boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji civili liema haga tiggustifika l-posizzjoni tal-esponent.

“6. Illi l-problema tal-attitudni skifuza tal-intimata rikorrenta tant kienet saret impossibbli li l-esponent sofra konsiderevolment liema tbatija estendiet ukoll ghat-tifel Zach liema sitwazzjoni giet u qed tigi sfruttata konsiderevolment mir-rikorrenta li, bhala konsegwenza qed tipprova tpingi l-posizzjoni taghha ta’ ’vittma’ meta fir-realta s-sitwazzjoni hi kontra.

“7. Illi filwaqt li l-esponent jichad kategorikament l-akkuza fjakka fil-konfront tieghu ta’ adulterju r-rikorrenta ma tistax tghid hekk fil-konfront taghha stess liema haga tispjega l-ghaliex hi tant herqana li tissepara mill-aktar fis possibbli liema haga se tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.

“8. Illi fin-nuqqas ta’ sincerita` f’dawn il-proceduri da parti tal-intimata rikorrenta anka testendi ghall-fatt li qed tipprova tizvija l-qorti billi qed tissugerixxi li l-esponent telaq mid-dar matrimonjali meta dan mhux il-kaz. Illi l-verita hi li l-intimata rikorrenta qed tipprova tara kif taghmel biex ma jkollha ebda indhil fil-hajja privata taghha li, issa l-esponent qed jirrealizza, li kienet w ghadha wahda xellerata kif ukoll biex bl-ebda mod l-esponent ma jkollu l-

possibilta` li jidhol fid-dar matrimonjali biex b'hekk l-intimata rikorrenta tkun libera b'mod assolut!

"9. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-agir, din it-tbatija qed testendi wkoll ghat-tifel li ghandu verament relazzjoni tajba mal-esponent imma l-intimata rikorrenta qed tipprova tiddetta w tindahal b'tali mod biex tikkundizzjona l-esponent skont ir-rieda taghha liema aspett dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidra serjament fid-dawl generali tal-kaz.

"10. Illi t-talbiet indikati fir-rikors promotorju bin-numru 4,5,6,7,8 u 10 jigu michuda w skartati stante li huma biss intizi biex jippregudikaw dak dovut lil esponent kif ukoll biex inessu t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox ghandha iggorr fis-shih it-tort tal-htija.

"11. Salv risposta ulterjuri/eccezzjonijiet ohra."

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz taghha tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenta.

"2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

"3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, bhala wkoll bhala konsegwenza, kull jedd li ghandha fuq nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma tal-esponent;

"4. Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenta l-effetti tal-Artikolu 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“5. Tordna li l-kura w kustodja tat-tifel Zach Sofia tigi fdata lill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta.

“6. Tordna li l-access tar-rikorrenta tkun taht supervizzjoni ta’ Social Worker tal-Appogg u dan meta r-rikorrenta qed tghix hajja xellerata liema imgieba l-esponent qed jara kif jaghmel biex jipprotegi lill-ibnu minn din l-influwenza tant negattiva.

“7. Tordna dina l-Qorti li stante li r-rikorrenta ghandha impieg b’salarju veru tajjeb, li thallas mhux biss ghall-manteniment tat-tifel Zach imma ukoll ghall-bzonnijiet tieghu partikolarment imma mhux esklussivament l-edukazzjoni tieghu sakemm jaghlaq 18-il sena li ghandha tigi maqtugha mis-sehem tar-rikorrenta wara li tigi determinata s-sehem taghha. Tikkundanna ukoll li r-rikorrenta thallas dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata li tigi ffissata mill-istess qorti ta’ mill-inqas nofs id-dhul kwalunkwe tar-rikorrenta liema dhul ghandu jestendi wkoll ghall-allowances varji li jkollha kif ukoll manteniment ghall-esponent li fil-prezent hu minghajr impieg u m’ghandux dhul, kif wara kollox hu l-obbligu taghha taht il-kappa tal-principji rizultanti mill-komunjoni tal-akkwisti.

“8. Tikkundanna lir-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent l-beni kollha parafernali tal-esponent u separatament li l-esponent jigi moghti l-piena amminnistrazzjoni tal-beni tieghu. Illi fin-nuqqas tikkundannaha thallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess propjeta parafernali.

“9. Tiddikjara li l-propjeta, partikolarment id-dar matrimonjali tigi assenjata w b’hekk okkupata mill-esponent ad eskluzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minhabba tortijiet imputabbli lir-rikorrenta.

“10. Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwali sentenza definittiva fir-Registru Pubbliku.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremettiet:

> "1. Illi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonant, kif dedotti fil-kontro-talba tieghu huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.
>
> "2. Salv risposti ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Gunju 2014 li permezz taghha l-Qorti ddecidiet illi:

> "Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:
>
> > "[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u konsegwentement tichad l-ewwel talba rikonvenzjonali b'dan li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija imputabbli lill-intimat;
> >
> > "[2] Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti, t-tieni talba rikonvenzjonali u t-tielet talba rikonvenzjonali limitament b'dan li l-istess likwidazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mod indikat fil-paragrafu 'DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U T-TALBA GHAR-RIMBORS TA' NOFS L-AMMONT TA' SPEJJEZ LI SARU MILL-ATTRICI GHALL-MINURI';
> >
> > "[3] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u konsegwentement tichad ir-raba' talba rikonvenzjonali;

"[4] Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u konsegwentement tichad il-hames talba rikonvenzjonali;

"[5] Tichad is-sitt talba tar-rikorrenti u tichad ukoll is-sitt talba rikonvenzjonali;

"[6] Tilqa' s-seba' talba tar-rikorrenti u konsegwentement tichad is-seba' talba rikonvenzjonali u tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' €250 kull erba` gimghat bhala manteniment ghal ibnu Zack Sophia b'dan li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm l-istess wild jaghlaq l-eta' ta' 18 –il sena. F'kaz li l-istess wild ikompli jistudja fuq bazi *full-time* allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm l-istess wild ikun ghadu jistudja fuq bazi *full-time* sakemm jilhaq l-eta' massima ta' 23 sena. Tali manteniment ghandu jithallas direttament mill-paga tal-intimat;

"[7] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba *stante* li din giet kontemplata fil-qasma u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

"[8] Tilqa' d-disa' talba tar-rikorrenti;

"[9] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba tar-rikorrenti *stante* li hija survolata;

"[10] Tichad it-tmien talba rikonvenzjonali abbazi ta' nuqqas ta' provi tal-istess;

"[11] Tichad id-disa' talba rikonvenzjonali;

"[12] Tilqa' l-ghaxar talba rikonvenzjonali.

"Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

**"<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

"Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Adrian Baldacchino[1] fejn jikkonferma li l-intimat gie mkecci mix-xoghol peress li kienu jiehu hafna *sick-leave*. Izid jghid li l-intimat kien jghidlu li jorqod fil-garaxx u li kien ihoss hafna bard u kien ghalhekk li jimrad izda meta l-istess xhud ipprova jmur isibu d-dar, ma sabux u ghalhekk isostni li mhux 'reliable' ghax-xoghol. Frank Fabri in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Rabat ukoll jikkonferma li l-intimat ma kienx jidhol ghax-xoghol spiss u li ma kienx jinfurmhom bl-intenzjoni tieghu li ma jidholx.

"Dr. Anthony Dimech bhala rapprezentant tal-Isptar Monte Carmeli jixhed li l-intimat qed jiehu trattament minhabba l-vizzju tax-xorb tant li kien qieghed jaghmel programm ta' *detox*[2] u dan spiccah b'success u ghalhekk juri progress.

**"<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI</u>**

"Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

> *""**Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment**".*

"Il-qorti wara li rat il-provi esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment ghal ragunijiet li huma attribwibbli unikament lill-intimat, anke in vista mhux biss tas-sentenzi moghtija kontrih izda tal-komportament tieghu lejn martu u lejn ibnu. Il-problema tax-xorb xejn ma ghenet sabiex dan iz-zwieg isalva u flimkien mal-fatt li l-istess intimat abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu mhux biss ta' missier izda ta' ragel tal-familja, l-qorti ma tistax ma tattribwixxix it-tort ghal din is-separazzjoni lill-istess intimat. Naturalment, dawn l-aspetti kollha msemmija jaghtu lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

---

[1] Ara a fol 114 tal-process
[2] Ara wkoll ic-certifikat esebit a fol 176 tal-process

**“<u>DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA U ACCESS TAL-MINURI</u>**

“Il-qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f’idejha anke minhabba l-fatt li l-istess intimat ghandu karattru vjolenti kif wara kollox huwa kkonfermat mill-Qrati ta’ Gurisdizzjoni Kriminali (ara s-sentenzi kontra l-intimat msemmija aktar ‘il fuq). Min-naha l-ohra, l-intimat jikkontendi li l-qorti ghandha tafda l-kura u l-kustodja tal-istess minuri f’idejh anke ghaliex l-attrici tghix hajja xellerata u ghalhekk jista’ jkollha effett negattiv fuq l-istess minuri.

“Il-qorti, tirrileva li fil-mori tal-proceduri, din l-istess Qorti kienet diga’ (ghalkemm b’mod temporanju) iddecidiet li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici[3] b’dan li l-intimat ikollu access ghall-istess minuri taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg fil-bini tal-Appogg. F’dan il-kuntest issir referenza ghax-xiehda ta’ Ingrid Vassallo fil-kapacita’ taghha ta’ social worker mal-Agenzija Appogg[4] fejn tispjega li l-access ezercitat mill-intimat huwa dak ta’ siegha fil-gimgha. Meta kienet issuggeriet li dan jizdied kien l-istess intimat li rrifjuta. Izzid tghid ukoll li l-access m’huwiex wiehed regolari ghaliex l-intimat jikkancellah ta’ spiss b’dan li lanqas ikun irid gurnata alternattiva ghall-istess access.

“Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-verbal tat-23 ta’ Novembru 2010[5] fejn gie dikjarat li l-intimat ma jattendi qatt ghas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

“Fid-dawl tal-fatt li l-intimat ma jurix interess f’ibnu tant li rrifjuta li jqatta’ aktar sieghat mieghu jew li jinghata aktar access (liema xiehda ta’ Ingrid Vassallo hija wahda objettiva), fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali moghtija kontra l-istess intimat u fid-dawl tal-fatt li l-istess intimat xejn ma juri interess fil-hajja ta’ ibnu, l-qorti thoss li huwa naturali li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri m’ghandhiex tigi fdata f’idejn l-istess intimat izda f’idejn ir-rikorrenti, li min-naha taghha ilha tiehu hsieb lill-istess minuri b’mod esklussiv ghal zmien twil u fuq

---

[3] Ara a fol 55 tal-process
[4] Ara a fol 342 tal-process
[5] Ara a fol 319 tal-process

kollox m'hemm xejn mill-assjem tal-provi li jista' jwassal lill-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tieghu.

"Il-Qorti thoss li *stante* l-eta' tal-minuri li llum ghandu 17 –il sena, l-access m'ghandux jibqa' jigi ezercitat taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg izda ghandu jsir bi qbil bejn l-iben u l-intimat b'mod liberu bejniethom.

**"DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

"Il-qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha datat it-8 ta' Ottubru 2010[6] fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' 200Euro kull erba` gimghat bhala manteniment ghall-minuri, liema somma ghandha tinqata' direttament mill-paga tal-istess intimat.

"Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Gaetano Bonnici[7] bhala l-principal tal-intimat li jikkonferma li l-istess intimat ghandu introjtu ta' 800Euro kif jirrizulta mill-FS3 relattiva ghas-sena 2009[8].

"Il-qorti tirrileva li mill-assjem tal-provi kollha, u anke tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikompli jirrisjedi flimkien mal-attrici ommu kif wara kollox ilu jaghmel ghall-anqas miz-zmien li l-intimat allontana ruhu mid-dar matrimonjali b'mod volontarju, l-qorti thoss li jkun opportun li tali manteniment ikun jinkorpora fih ukoll l-ispejjez relattivi tas-sahha u l-edukazzjoni li jidher li l-intimat ma jaghmilx tajjeb ghalihom, ghaliex apparti s-somma ta' 200Euro li huwa s'issa ordnat li jhallas ma' jikkontribwixxi bl-ebda mod ghall-istess minuri. Fic-cirkustanzi, l-qorti thoss li manteniment ta' 250 kull erba` gimghat ghandu ghall-anqas itaffi mill-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Ir-rikorrenti titlob li l-manteniment versu l-minuri jithallas permezz ta' somma kumplessiva mis-sehem tal-istess intimat mir-rikavat tad-dar matrimonjali. Pero' *stante* l-eta' tal-minuri li llum ghandu 17 –il sena u ghalhekk, fin-nuqqas li l-istess minuri jkompli bl-istudji tieghu wara l-eta' ta' 18 –il sena l-manteniment jieqaf mal-istess eta'

[6] Ara a fol 311 tal-process
[7] Ara a fol 208 tal-process
[8] Esebita a fol 210 tal-process

ta’ 18 il sena, l-qorti ma thossx li jkun opportun li tali manteniment ghandu jithallas permezz ta’ somma kumplessiva.

**“<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

“L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

> “(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
>
> > “(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
> >
> > “(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
> >
> > “(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
> >
> > “(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.”

“Il-qorti, kif diga’ kellha l-opportunita’ li tiddikjara aktar ‘il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi thoss li ghandu jigi applikat l-istess artikolu hawn citat fl-*intier* tieghu fil-konfront tal-istess intimat.

**“DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U T-TALBA GHAR-RIMBORS TA’ NOFS L-AMMONT TA’ SPEJJEZ LI SARU MILL-ATTRICI GHALL-MINURI**

“Il-partijiet jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandhom tigi xolta.

“Skond il-pjan ta’ qasma tal-komunjoni tal-akkwisti[9] hekk kif prezentat mill-attrici (u li mhux ikkontestat mill-attur), id-dar matrimonjali u cioe’ Binja Buqana 29A, Clock Tower Street Mtarfa, ghandha tinbiegh fis-suq miftuh b’dan li sakemm tinbiegh l-istess dar, l-attrici ghandha tibqa’ tirrisjedi fl-istess flimkien mal-iben Zack.

“Tenut kont tal-fatt li l-qorti diga’ applikat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-intimat, l-istess qorti hija tal-fehma li s-sehem tal-intimat relatat mal-facilita’ tad-dar matrimonjali u li gie mhallas mill-attrici b’mod esklussiv ghandu jerga’ jigi rimborsat lilha u dan b’effett minn Frar tas-sena 2008 sakemm l-istess facilita’ tkun imhallsa. L-istess irid jinghad ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet relattivi tad-dawl u l-ilma fl-istess fond. Ghal dan il-ghan qed tigi ffissata s-somma ta’ €12,000 bhala sehem l-attrici fuq tali hlasijiet.

“L-attrici qed titlob ukoll li tigi rimborsata ghal nofs l-ammont tal-ispejjez li hija inkorriet ghall-minn April 2007 sa’ Dicembru 2008. Tali ammont jammonta ghal €9009.50[10] kif spjegat f’Dok. HS2 u Dok. HS3[11] rispettivament.

“Ghaldaqstant il-qorti qieghda tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod segwenti:

“1. Tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh fis-suq b’dan li sakemm isir il-bejgh, l-attrici u l-iben Zack jibqghu jirrisjedu fl-istess ad eskluzjoni tal-intimat;

9 Ara a fol 75 tal-process
10 Ara a fol 75 tal-process
11 Ara a fol 67 – 73 tal-process

> "2. Mir-rikavat tal-istess dar, l-ewwel jithallas id-dejn kollu relattiv mal-istess dar ghal dak li jirrigwarda l-facilita' bankarja u imbaghad jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dan li mir-rikavat tal-intimat (u dan b'mod esklussiv), l-attrici ghandha tinghata s-somma kumplessiva ta' €12,000 bhala rimbors ghall-ispejjez li hija hallset b'mod esklussiv fuq l-istess dar;

> "3. Il-mobbli kollha li jinsabu fl-istess dar ghandhom jitqiesu bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attrici;

> "4. Il-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni bin-numru ZAC 356 ghandha titqies bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attrici b'dan li kwalunkwe dejn gravanti l-istess vettura u l-ispejjez ancillari inkluzi l-polza ta' assigurazzjoni u l-licenzja ghandhom jigu mhallsa b'mod esklussiv minnha;

> "5. Il-baby bond policy mar-Rocs (Middlesea Insurance) ghandha titqies bhala l-proprjeta' esklussiva tal-attrici b'dan li tali ghandha tkompli tithallas b'mod esklussiv minnha;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha:

> "... ... tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Gunju 2014 moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja b'dan illi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, id-disa' u astjeniet milli tiehu konjizjoni tal-ghaxar talba attrici, u tikkonferma t-tieni u t-tielet talba limitatament u l-ghaxar talba fil-kontro-talba, u tvarjaha f'dik l-parti fejn laqghet is-seba' u t-tminn talbiet tal-attrici b'dana illi fil-parti tas-sentenza fejn 'illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti', thassar dik il-parti fejn illikwidat is-somma ta' tnax-il els Euro (€12,000) u minflok tillikwida s-somma ta' tletin elf, tliet mija u disghin Euro u erbghin centezmi (**€30,390.40**) oltre s-somma ta' tmint elef u erba' mitt Euro (**€8,400**) rapprezentanti din is-somma arretrati ta'

> manteniment[12] u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma totali ta' **38790.40 liema somma ghandha titnaqqas mir-rikavat esklussiv tal-appellat Brian Sophia mill-bejgh tad-dar matrimonjali,** bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz tieghu filwaqt li oppona ghat-talbiet tal-appellanti, u hlief ghat-talba li hu jigi assenjat il-vettura numru IBE 224 (li huwa jaqbel maghha) talab li s-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell billi ghamlu riferenza ghall-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tal-appellanti huma allura tnejn migburin f'talba wahda u cioe` dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-hlas ta' manteniment ta' arretrati.

## L-ewwel Aggravju

[12] Ghall-perjodu ta' minn meta bdew il-proceduri tas-separazzjoni f'April 2007 sat-tmienja ta' Ottubru 1010 meta l-Qorti b'digriet ordnat il-hlas ta' manteniment.

L-ewwel aggravju huwa dwar il-qsim tal-komunjoni fis-sens li l-appellanti tqis li l-ammont likwidat bhala pagament lilha tnax-il elf Euro (€12,000) huwa ftit wisq u ghandu jigi awmentat. Hija tilmenta li din is-somma kellha tkun ta' aktar minn tletin elf Euro (€30,000) u cioe` aktar minn disat elef u disa' Euro (€9,009) spejjez li inkorret mill-2007 u l-2008 u aktar minn wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u tmenin Euro (€21,380) spejjez li inkorret bejn l-2008 u l-2013.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002 intqal illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *"ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara."*

Imbaghad din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment*

*apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi; madankollu *"Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja."* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).**

Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li ngabru u mis-sentenza appellata stess jidher li l-ewwel Qorti semmiet is-somma ta' disat elef, u disa' Euro u hamsin centezmi (€9,009.50) fuq imsemmija f'pagna 15 tas-sentenza u dan **wara** li gia` kienet semmiet li illikwidat is-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) u dan bhala sehem li kellu jhallas l-appellat relatat mad-dar matrimonjali u li kienu thallsu mill-appellanti 'b'effett minn Frar 2008 sakemm l-istess facilita' tkun imhallsa.' Jidher allura li f'dan l-istadju l-Qorti kienet qed tahseb fil-hlasjiet li kienet qed thallas l-appellanti bhala rifuzjoni tas-self li l-partijiet kienu hadu in konnessjoni mal-istess dar; infatti fil-parti dispozittiva taghha l-Qorti inkludiet din ir-rifuzjoni mal-parti tas-sentenza illi ordnat il-bejgh tad-dar.

Din il-Qorti ma tifhimx allura kif l-ewwel Qorti, in segwitu, ma kkumentat xejn aktar fuq is-somma ta' disat elef, u disa' Euro u hamsin centezmi (€9,009.50) imsemmija; jidher li dan sar bi zvista (mill-kliem adoperat mill-ewwel Qorti jidher li l-istess Qorti kienet qablet ma' din it-talba) u allura l-appellanti ghandha ragun thossha aggravata b'din il-parti tas-sentenza. Minn ezami tad-dokumenti relattivi ghal dawn l-ispejjez (fol. 64 sa 76 tal-process, relattivi ghal hlasijiet li l-appellanti ghamlet bejn April 2007 u Dicembru 2008) din il-Qorti taqbel li l-attrici ghandha tigi mhallsa din is-somma u dan anke jekk kif issottometta l-appellat parti minn din is-somma kienet biex thallset il-vettura li giet finalment assenjata lill-attrici stess u dan ghaliex imbaghad dak kien sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti. Minn dan l-ammont pero` ghandha titnaqqas is-somma ta' elf, tmien mija u wiehed u sittin Euro u sittax-il centezmi (€1,861.16) (nofs is-somma ta' tlett elef, seba' mija tlieta u ghoxrin Euro u tlieta u tletin centezmi (€3,723.33) imhallsin bhala *repayment* ghas-self) peress li kif gia` ssemma, dan l-ammont hu inkluz fis-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) li l-Qorti illikwidat fir-rigward. Ghalhekk l-ammont isir sebat elef, mija, tmienja u erbghin Euro u erbgha u tletin centezmi **(€7,148.34)**.

Mhux l-istess ghandu jinghad ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija u tmenin Euro (€21,380) li qed tirreklama kif spjegat. Dawn l-ispejjez li l-appellanti semmiet a fol. 496 u 497 tal-process jirrigwardjaw spejjez li hija qed tghid li ghamlet mill-2008 sa dakinhar li giet deciza l-kawza. Kif pero` ssottometta l-appellat din it-talba hija nieqsa **ghal kollox** minn

dokumentazzjoni u l-appellanti jidrilha li l-Qorti ghandha toqghod fuq il-kelma taghha biss u trattandosi ta' flus minfuqa wiehed kien jistenna l-produzzjoni ta' numru ta' ricevuti. Kif jghid l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura minn jallega jrid jipprova – u l-appellanti bhala attrici naqset li tressaq provi sufficjenti f'dan ir-rigward - ***"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat"*** kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Kwindi dan l-aggravju huwa michud.

Apparti minn hekk anke kieku wiehed jaccetta dan kollu li qed tghid l-appellanti hu provat, il-Qorti tinnota li l-maggior parti tal-ammont inkwistjoni kienu hlasijiet ghal ripagament tas-self – li gie likwidat band'ohra kif gia` ssemma u l-valur tieghu ghandu jithallas lill-appellanti mal-bejgh tal-fond – u spejjez fuq il-minuri li dak iz-zmien fir-rigward tieghu l-appellat kien beda jhallas manteniment kif ordnat mill-Qorti.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

L-appellanti qed titlob li l-Qorti tordna lill-appellat ihallas manteniment ghal perjodu bejn il-bidu tal-proceduri fl-2007 u Ottubru 2010 meta l-ewwel Qorti ppronunzjat id-digriet taghha fejn ordnat il-hlas tal-manteniment ghall-minuri u minn dakinhar skont l-istess appellanti l-appellat beda jhallas regolarment.

L-appellat jirrispondi ghal dan billi jghid li ma hemm ebda talba fl-att promotur biex jigi akkordat manteniment kif qed titlob l-appellanti u kwindi l-Qorti ma tistax tordna dan il-hlas – l-appellanti qed tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' tmint elef u erba mitt Euro (€8,400) billi timmultiplika s-somma ta' mitejn Euro (€200) (kif ordnata mid-digriet imsemmi) bin-numru ta' xhur bejn il-perjodi msemmija.

Din il-Qorti taqbel li ma tistax issa f'dan l-istadju taghmel dak li qed titlob l-appellanta u cioe` li tordna l-hlas f'daqqa ghal perjodu msemmi. It-talba strettament kellha ssir fir-rikors taghha meta talbet il-manteniment *'pendente lite'* u ladarba meta l-ewwel Qorti ordnat il-hlas imsemmi hija ma ordnatx li jibda jithallas minn xi data precedenti, din il-Qorti ma tistax issa tirrimedja ghal dan b'dan il-mod. Din il-Qorti ma tifhimx ukoll kif l-appellanti ma talbitx dan lill-ewwel Qorti fil-bidu tal-proceduri meta setghet taghmel dan liberament.

Kif *del resto* qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha moghtija fl-24 ta' Novembru 1958 fl-ismijiet **Alice Amato v. Vivian De Gray nomine**, *"il-Qorti ghandha toqghod ghat-terminu tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni ...; xort'ohra l-konsegwenzi jkunu kaotici."* Ladarba ma hemm ebda talba fir-rikors promotur u ma saret ebda tali talba qabel l-istadju ta' llum, kif qed tirreklama l-appellanti, allura l-Qorti ma tistax f'dan l-istadju taghtiha

rimedju kif qed titolbu hi; ghalkemm kif se jigi ccarat aktar 'il quddiem il-Qorti tal-Familja kellha s-setgha illi tordna l-hlas tal-manteniment b'effett retroattiv fid-digriet taghha. Dan id-digriet issa naturalment m'ghadux fis-sehh ghaliex huwa sopraggunt mis-sentenza finali illi ordnat manteniment ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar.

Madankollu peress li r-rikors biex jintalab il-manteniment sar fid-9 ta' Novembru 2009, u d-digriet relattiv inghata fit-8 ta' Novembru 2010, il-Qorti – peress li si tratta ta' manteniment ghal minuri u allura fl-interess tieghu hija libera li taghti kull decizjoni skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili – se tordna li l-manteniment ordnat mid-digriet tat-8 ta' Ottubru 2010 ghandu jkun effettiv sa mit-8 ta' Novembru 2009 – kwindi tordna hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) li huwa l-ammont pagabbli b'dik ir-rata ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar ghal dak il-perjodu.

**Il-Vettura IBE 224**

Dwar din il-vettura hemm qbil illi tigi assenjata lill-appellat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-appellanta billi tilqghu parzjalment u tibdel is-sentenza appellata billi l-ewwelnett tordna li l-vettura numru IBE 224 tigi assenjata lill-appellat, u tordna wkoll li l-appellat in aggunta ghal hlas ta’ tnax-il elf Euro **(€12,000)** fuq imsemmi mal-bejgh tad-dar, ghandu jhallas lill-appellanti s-somma ulterjuri ta’ sebat elef, mija, tmienja u erbghin Euro u erbgha u tletin centezmi **(€7,148.34)** u dan l-ahhar hlas ghandu jsir fi zmien xahar mil-lum – wara dik id-data jkunu dovuti imghaxijiet legali. Finalment tordna li l-hlas tal-manteniment ‘*pendente lite’* ghandu jkun effettiv mit-8 ta’ Novembru 2009 u allura l-appellant ghandu jhallas ukoll lill-appellanti fi zmien xahar u dekorrenza tal-imghaxijiet legali fin-nuqqas, is-somma ta’ elfejn u mitejn Euro **(€2,200)** kif gia` spjegat. **Ghal kumplament is-sentenza appellata qed tigi konfermata.**

**L-ispejjez** kollha tal-ewwel grad jibqghu kif gia` deciz mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja); filwaqt li dawk tal-appell jinqasmu bejn il-partijiet indaqs bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------